# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 1372/96**

**Numru 26**

**Angela Vella**

**vs**

**Mario Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responasbbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-10 ta' Awissu 1995 f'Hal-Qormi waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura M-2350, b'mod negligenti imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru A-5045 propjeta tal-attrici.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u sittin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm661.25,0) jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-Ittra Ufficjali datata 18 ta' Lulju 1996.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tat-18 ta' Lulju 1996 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 6 tal-atti):

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent mhux responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet f'Hal Qormi, 10 ta' Awissu 1995, peress li kien prudenti, ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u osserva r-regolamenti tat-traffiku;

2. Illi l-kollizzjoni sehhet unikament minhabba negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi f'dan il-kaz, kien hemm involuti zewg vetturi ossija dik propjeta' tal-attrici bin-numru A-5045 misjuqa minn binha Francis Vella u dik bin-numru U-2350 (van tat-tip "pick up") misjuqa mill-konvenut u grat f'Triq il-Helsien gewwa Hal Qormi liema triq giet deskritta bhala wahda dritta b'diversi toroq laterali fosthom Triq ir-Rebbiegha li ser tissemma aktar l-isfel. Il-konvenut (fol 24 tat-istess atti) semma li "taht il-bankina tat-triq li fiha kont ghaddej hemm rampi tal-conrete (ara ukoll ir-ritratti esebiti mill-istess konvenut a fol 23A u 23B tal-istess atti) liema rampi, pero', ma kienux murija fuq l-iskizz esebit ukoll, a fol 51 u 54 ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici ipproduciet is-segwenti xhieda:-

a) Michael Scicluna (a fol 27 et seq ibid) xehed li hu kien passiggier fil-karozza misjuqa minn bin l-attrici Francis Vella. In rigward dan ix-xhud, pero', l-konvenut kien xehed (fol 24 ibid) li "Ma kienx hemm nies ohra rekbin mas-sewwieq tal-vettura tal-attrici". Inoltre dan ix-xhud ma jissemmiex fil-kopja tar-rapport esebit minn PS 240 illum Spettur Carlo Ellul

(a fol 50 tal-atti). Giostante jinghad li dan ix-xhud spjega li ".... kien hemm "stop" u waqafna (presumibilment f'Triq ir-Rebbiegha rokna ma Triq il-Helsien). Ahna hrigna bil-mod b'kemm niccaqalqu".Jigi rilevat li fuq l-iskizz imsemmi ma hemmx murija ebda sinjal ta' "stop". Hawnhekk instab li (presumilment fuq ix-xellug kif hemm indikat fl-imsemmi skizz) kien hemm karozza parkeggata "u din qbisniha bil-mod". Hawnhekk giet karozza minn faccata u avolja "kellha minn fejn tghaddi" habtet ma dik misjuqa minn Francis Vella. Skond l-istess xhud, wara li saret l-istess habta, ghal xi raguni "jien tlaqt".

b) L-istess Spettur ossija Ex PS 240 Carlo Ellul (fol 48 et seq ibid) esbixxa l-imsemmija skizz u rapport relattivi ghall-istess incident. Mill-istess rapport jidher li l-istess Francis Vella kien stqarr li wara li hareg minn Triq ir-Rebbiegha u dar lejn ix-xellug tieghu u meta ra l-van misjuqa mill-konvenut gej mid-direzzjoni opposta, hu waqaf f'nofs it-triq izda l-imsemmi "van" baqa' jitkaxkar ghal fuqu. Da parti tieghu l-konvenut kien stqarr li kien tiela' f'Triq il-Helsien meta f'daqqa wahda, harget il-vettura l-ohra involuta minn Triq ir-Rebbiegha. Hawnhekk jidher li hu ghafas il-"brake" izda ma gietx evitata l-habta.

Illi ghandu jigi rilevat, li ghal xi raguni bin l-attrici Francis Vella ma giex prodott bhala xhud.

c) L-istess attrici (fol 13 u 14 tal-atti) li esebiet id-dokument a fol 13 tal-atti dwar l-ammont tad-danni involuti, liema ammont ma kienx qed jigi kontestat (ara fol 61 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 24 u 57 ibid) spjega li fit-triq in kwistjoni minhabba l-imsemmija rampi, hu kellu jsuq ftit il-barra. Testwalment hu kompla jghid "x'hin wasalt qrib Triq ir-Rebbiegha, f'daqqa wahda nsib il-vettura tal-attrici fuq il-vettura tieghi" liema vettura (tal-attrici) "..... sibtha f'daqqa fuq il-van tieghi"  In rigward l-iskizz, hu ma kienx jaqbel mieghu stante li ma kienx murija fuqu l-imsemmija rampi u l-vettura misjuqa minnu kienet il-barra mill-bankina, "madwar metru u ftit iehor" u mhux kif specifikat fl-istess skizz. Inoltre l-incident sehh "iktar qrib" il-kantuniera ....." (ara ukoll ix-xhieda ta' hu l-konvenut, George Galea a fol 59 u 60 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti u sintetizzati, wara li l-istess Qorti ikkonsiderat:

a) li ghandha dubbju gravi dwar jekk Michael Scicluna kienx presenti waqt dan l-incident ghar-ragunijiet gja specifikati aktar il-fuq.

b) li ma giex prodott Francis Vella bin l-attrici, u li kien qed jsuq il-vettura appartenenti lill-attrici.

Ghandu jinghad li l-provi huma manifestament insufficjenti sabiex jigi dikjarat li l-kollizjoni in esami grat minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut wara li jigi premess li kien jispetta lill-istess attrici sabiex tipprova  dan fuq basi ta' probabilta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad t-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

Alan Calleja
Dep.Reg